Nru. 18,209
Prezz/Price
€0.37 (Lm0.16)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2008
Thursday, 13th March, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 237

ĦATRA TA' MINISTRI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 80 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, fit-12 ta' Marzu, 2008, ħatar lill-Dott. Tonio Borg, LL.D., M.P., is-Sinjura Giovanna Debono, B. Educ., M.P., Dott. Austin Gatt, LL.D., M.P., is-Sur George Pullicino, B.E.&A. (Hons), A&C.E., M.P., is-Sinjura Dolores Cristina, B.A. (Hons), M.P., is-Sur John Dalli, F.C.C.A., M.C.I.M., C.P.A., M.P., is-Sur Tonio Fenech, B.A. (Hons) Accty, M.I.A., C.P.A., M.P. u Dott. Carmelo Mifsud Bonnici, LL.D., M.P., biex ikunu Ministri kif ġej:

Dott. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Affarijiet Barranin.

Is-Sinjura Giovanna Debono, B. Educ., M.P., Ministru għal Għawdex.

Dott. Austin Gatt, LL.D., M.P., Ministru għall-Komunikazzjoni u Proġetti Nazzjonali.

Is-Sur George Pullicino, B.E.&A. (Hons), A&C.E., M.P., Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

Is-Sinjura Dolores Cristina, B.A. (Hons), M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura.

Is-Sur John Dalli, F.C.C.A., M.C.I.M., C.P.A., M.P., Ministru għall-Politika Soċjali.

Is-Sur Tonio Fenech, B.A. (Hons) Accty, M.I.A., C.P.A., M.P., Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment.

Dott. Carmelo Mifsud Bonnici, LL.D., M.P., Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern.

It-12 ta' Marzu, 2008
(COF/504/2008)

GOVERNMENT NOTICES

No. 237

APPOINTMENT OF MINISTERS

IN exercise of the powers conferred by Section 80 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has, on the 12th March, 2008, appointed Dr Tonio Borg, LL.D., M.P., Ms Giovanna Debono, B. Educ., M.P., Dr Austin Gatt, LL.D., M.P., Mr George Pullicino, B.E.&A. (Hons), A&C.E., M.P., Ms Dolores Cristina, B.A. (Hons), M.P., Mr John Dalli, F.C.C.A., M.C.I.M., C.P.A., M.P., Mr Tonio Fenech, B.A. (Hons) Accty, M.I.A., C.P.A. M.P. and Dr Carmelo Mifsud Bonnici, LL.D., M.P., to be Ministers, as follows:

Dr Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister of Foreign Affairs.

Ms Giovanna Debono, B. Educ., M.P., Minister for Gozo.

Dr Austin Gatt, LL.D., M.P., Minister for Communications and National Projects.

Mr George Pullicino, B.E.&A. (Hons), A&C.E., M.P., Minister for Resources and Rural Affairs.

Ms Dolores Cristina, B.A. (Hons), M.P., Minister of Education and Culture.

Mr John Dalli, F.C.C.A., M.C.I.M., C.P.A., M.P., Minister for Social Policy.

Mr Tonio Fenech, B.A. (Hons) Accty, M.I.A., C.P.A., M.P., Minister of Finance, Economy and Investment.

Dr Carmelo Mifsud Bonnici, LL.D., M.P., Minister for Justice and Home Affairs.

12th March, 2008

Nru. 238

ĦATRA TA' SEGRETARJI PARLAMENTARI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 88 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, b'seħħ mit-12 ta' Marzu, 2008, ħatar lil Dott. Mario de Marco, LL.M.(Cantab), LL.D., M.P., Dott. Chris Said, LL.D., M.P., is-Sur Clyde Michael Puli, M.A., B.A., M.C.I.P.R., M.I.M., M.P., is-Sur Mario Galea, B.Sc. Nursing (Hons.), M.P., Dott. Joe Cassar, M.D., P.D.F. Psych.(Yale) Cert. Psych.(U.S.A.), M.P., Dott. Jason Azzopardi, LL.D., M.A., M.P. bħala Segretarji Parlamentari biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom kif ġej:

Dott. Mario de Marco, LL.M.(Cantab), LL.D., M.P., Segretarju Parlamentari għat-Turiżmu u Dott. Chris Said, LL.D., M.P., Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Is-Sur Clyde Michael Puli, M.A., B.A., M.C.I.P.R., M.I.M., M.P., Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Kultura.

Is-Sur Mario Galea, B.Sc. Nursing (Hons.), M.P., Segretarju Parlamentari ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunità u Dott. Joe Cassar, M.D., P.D.F. Psych.(Yale) Cert. Psych. (U.S.A.), M.P., Segretarju Parlamentari tas-Saħħa fil-Ministeru għall-Politika Soċjali.

Dott. Jason Azzopardi, LL.D., M.A., M.P., Segretarju Parlamentari ta' Erarji Pubbliċi u Artijiet fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment.

It-12 ta' Marzu, 2008
(COF/505/2008)

No. 238

APPOINTMENT OF PARLIAMENTARY SECRETARIES

IN exercise of the powers conferred by Section 88 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has, on the 12th March, 2008, appointed Dr Mario de Marco, LL.M.(Cantab), LL.D., M.P., Dr Chris Said, LL.D., M.P., Mr Clyde Michael Puli, M.A., B.A., M.C.I.P.R., M.I.M., M.P., Mr Mario Galea, B.Sc. Nursing (Hons.), M.P., Dr Joe Cassar, M.D., P.D.F. Psych.(Yale) Cert. Psych.(U.S.A.), M.P., Dr Jason Azzopardi, LL.D., M.A., M.P. as Parliamentary Secretaries to perform their functions as follows:

Dr Mario de Marco, LL.M.(Cantab), LL.D., M.P., Parliamentary Secretary for Tourism and Dr Chris Said, LL.D., M.P., Parliamentary Secretary for Public Dialogue and Information in the Office of the Prime Minister.

Mr Clyde Michael Puli, M.A., B.A., M.C.I.P.R., M.I.M., M.P., Parliamentary Secretary for Youth and Sport in the Ministry of Education and Culture.

Mr Mario Galea, B.Sc. Nursing (Hons.), M.P., Parliamentary Secretary for the Elderly and Community Care and Dr Joe Cassar, M.D., P.D.F. Psych.(Yale) Cert. Psych. (U.S.A.), M.P., Parliamentary Secretary for Health in the Ministry for Social Policy.

Dr Jason Azzopardi, LL.D., M.A., M.P., Parliamentary Secretary for Revenues and Land in the Ministry of Finance, Economy and Investment.

12th March, 2008

Nru. 239

ASSENJAMENT LILL-MINISTRI TA' RESPONSABBILTÀ DWAR XOGĦOL TAL-GVERN TA' MALTA

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, assenja lill-Ministri responsabbiltà dwar kull xogħol tal-Gvern ta' Malta, magħduda l-amministrazzjoni tad-Dipartimenti tal-Gvern kif ġej:

Prim Ministru

Servizz Pubbliku

Ko-ordinazzjoni Interna ta' l-Unjoni Ewropea
Ko-ordinazzjoni ta' l-Ippjanar u Prijoritajiet

No. 239

ASSIGNMENT TO MINISTERS OF RESPONSIBILITY FOR THE BUSINESS OF THE GOVERNMENT OF MALTA

IN exercise of the powers conferred by Section 82 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, has assigned to Ministers responsibility for the business of the Government of Malta, including the administration of Departments of Government, as follows:

Prime Minister

Public Service

EU Internal Co-ordination
Planning and Priorities Co-ordination

Awditjar Intern u Investigazzjonijiet *Management Efficiency Unit*	Internal Audit and Investigations Management Efficiency Unit
Ambjent L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar Żvilupp Sostenibbli	Environment Malta Environment and Planning Authority Sustainable Development
Difiża Forzi Armati	Defence Armed Forces
Turiżmu	Tourism
Gvern Lokali	Local Government
Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali	Malta Council for Economic and Social Development
Informazzjoni dwar l-UE (MEUSAC)	EU Information (MEUSAC)
Informazzjoni Stamperija tal-Gvern	Information Government Printing Press

Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Kap tal-Kamra tad-Deputati	**Deputy Prime Minister, Minister of Foreign Affairs and Leader of the House of Representatives**
Relazzjonijiet ma' l-Unjoni Ewropea Relazzjonijiet ma' Pajjiżi Barranin u tal-*Commonwealth* Relazzjonijiet ma' Organizzazzjonijiet u Istituzzjonijiet Internazzjonali	Relations with the European Union Relations with Foreign and Commonwealth Countries Relations with International Organisations and Institutions
Relazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali	International Economic Relations
Affarijiet ta' Ċittadinanza u Nies Barranin	Citizenship and Expatriate Affairs
Affarijiet Parlamentari	Parliamentary Affairs

Ministru għal Għawdex	**Minister for Gozo**
Affarijiet dwar Għawdex	Gozo Affairs

Ministru għall-Komunikazzjoni u Proġetti Nazzjonali	**Minister for Communications and National Projects**
Avjazzjoni Ċivili Awtorità Marittima ta' Malta *Malta Freeport Corporation* Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta	CivilAviation Malta Maritime Authority Malta Freeport Corporation Malta Transport Authority
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni	Malta Communications Authority
Strateġija għat-Teknoloġija ta' l-Informatika u Komunikazzjoni	Information and Communications Technology Strategy

National Identity Management
- Reġistru Pubbliku
- Reġistru ta' l-Artijiet
- Reġistrazzjoni Ċivili
- Karti ta' l-Identità
- Passaporti

National Identity Management
- Public Registry
- Land Registry
- Civil Registration
- ID Cards
- Passports

Ko-ordinazzjoni ta' Proġetti ta' Żvilupp Urban (tinkludi l-iSmart City u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u Marsamxett)

Co-ordination of Urban Development Projects (including Smart City, Grand Harbour and Marsamxett Regeneration)

Ko-ordinazzjoni ta' Kostruzzjoni ta' Toroq, Manutenzjoni, *Landscaping* u Tindif

Co-ordination of Road Building, Maintenance, Landscaping and Cleansing

Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma
Korporazzjoni Enemalta

Water Services Corporation
Enemalta Corporation

Malta Shipyards

Malta Shipyards

Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Minister for Resources and Rural Affairs

L-Awtorità Maltija għar-Riżorsi
Politika dwar it-Tibdil fil-Klima
Żvilupp ta' Sorsi ta' Enerġija Alternattiva
Tiftix għaż-Żejt

Malta Resources Authority
Climate Change Policy
Development of Alternative Energy Sources
Oil Exploration

Parks Nazzjonali, Afforestazzjoni u l-Ħarsien tal-Kampanja

National Parks, Afforestation and the Countryside

Implimentazzjoni ta' l-Istrateġija dwar l-Immaniġġjar ta' l-Iskart

Waste Management Strategy Implementation

Kunsill Konsultattiv għall-Industrija tal-Bini
Manifattura u Servizzi
Kostruzzjoni u Manutenzjoni

Building Industry Consultative Council
Manufacturing and Servicing
Construction and Maintenance

Politika dwar Xjenza u Teknoloġija
Riċerka u Innovazzjoni

Science and Technology Policy
Research and Innovation

Żvilupp Rurali
Agrikoltura
Ortikoltura
Sajd
Akwakultura

Rural Development
Agriculture
Horticulture
Fisheries
Aquaculture

Servizzi Veterinarji
Ħarsien ta' l-Annimali

Veterinary Services
Animal Welfare

Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura

Minister of Education and Culture

Ħarsien tat-Tfal u Edukazzjoni Bikrija
Edukazzjoni Obbligatorja
Edukazzjoni Għola (tinkludi l-MCAST u Studji dwar it-Turiżmu)
Edukazzjoni tul il-Ħajja
Eżamijiet

Childcare and Early Education
Compulsory Education
Higher Education (including MCAST and Tourism Studies)
Life-long Learning
Examinations

Public Broadcasting Services	Public Broadcasting Services
Libreriji u Arkivji	Libraries and Archives
Kultura u Arti Wirt Kulturali	Culture and the Arts Cultural Heritage
Teatri u Dar il-Mediterran għall-Konferenzi Orkestra Nazzjonali	Theatres and Mediterranean Conference Centre National Orchestra
Żgħażagħ Sport u Kumplessi Sportivi	Youth Sport and Sport Complexes

Ministru għall-Politika Soċjali

Minister for Social Policy

Politika Soċjali	Social Policy
Politika tal-Familja Politika dwar it-Tfal	Family Policy Child Policy
Servizzi ta' Solidarjetà Sigurtà Soċjali Akkomodazzjoni Soċjali	Solidarity Services Social Security Social Housing
Ugwaljanza	Equality
Saħħa Anzjani u Servizzi fil-Komunità	Health Elderly and Community Care
Koperattivi Impjiegi u Taħriġ Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol	Co-operatives Employment and Training Industrial and Employment Relations Occupational Health and Safety

Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment

Minister of Finance, Economy and Investment

Finanzi Uffiċċju tal-*Budget* It-Teżor Taxxi Interni Tassazzjoni Indiretta Dwana u Sisa Kuntratti	Finance Budget Office The Treasury Inland Revenue Indirect Taxation Customs and Excise Contracts
Politika Ekonomika	Economic Policy
Kummerċ Barrani	External Trade
Relazzjonijiet mal-Bank Ċentrali Regolamenti Finanzjarji	Relations with Central Bank Financial Regulation
Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta	Malta Statistics Authority

Artijiet	Land
Uffiċċju Konġunt	Joint Office
Nutar tal-Gvern	Notary to Government
Industrija	Industry
Promozzjoni ta' Investiment	Investment Promotion
Malta Enterprise	Malta Enterprise
Politika tal-Kompetizzjoni	Competition Policy
Impriżi Żgħar u s-*Self-Employed*	Small Business and the Self-Employed
Servizzi ta' Kummerċ	Trade Services
Ħarsien tal-Konsumatur	Consumer Protection
L-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*	Malta Standards Authority
Proprjetà Industrijali	Intellectual Property
Investimenti tal-Gvern	Government Investments
Privatizzazzjoni	Privatisation

Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

Minister for Justice and Home Affairs

Qrati tal-Ġustizzja	Courts of Justice
Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali	Attorney General's Office
Pulizija	Police
Immigrazzjoni	Immigration
Sigurtà fl-Ajruport	Airport Security
Servizzi Korrettivi	Correctional Services
Protezzjoni Ċivili	Civil Protection
Protezzjoni u Privatezza tad-*Data*	Data Protection

It-12 ta' Marzu 2008
(COF/504/2008)

12th March 2008

Nru. 240

No. 240

AĠENT PRIM MINISTRU

ACTING PRIME MINISTER

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Giovanna Debono, B. Educ., M.P., Ministru għal Għawdex, tassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru b'seħħ minn nhar il-Ħamis, it-13 ta' Marzu, 2008, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Giovanna Debono, B. Educ., M.P., Minister for Gozo, assumes the additional duties of Prime Minister with effect from Thursday, 13th March, 2008, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

It-13 ta' Marzu, 2008
(OPM 1/2008)

13th March, 2008

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

433

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tas-27 ta' April 2007, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-27 ta' April 2007, fuq talba ta' John Vella et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien inċerti tad-dirett dominju perpetwu gravanti ta' fond f'Ħaż-Żabbar, fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu fl-ismijiet John Vella et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu u fidi ta' ċens, ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' April 2007 fl-ismijiet John Vella, salesman, bin Carmelo u Carmela neé Mifsud, ID Nru 188459M. imwieled u residenti Żabbar; Rita mart l-istess John Vella, bin Carmelo Dalli u Antonia neé Demicoli ID Nru 203561M, imwielda Marsaskala u residenti Żabbar; Victor Vella disokkupat, bin Carmelo u Carmela neé Mifsud ID Nru 95968M, imwieled Pietà u residenti Żabbar; Sharon-Anne mart l-istess Victor Vella, bin Ronald Buckwell u Lorenza neé Calleja, ID Nru 272669M, imwielda Pietà u residenti Żabbar; u Maria Grazia Xuereb, mart Carmelo Xuereb, minnu legalment separata, bint Carmelo Vella u Carmela neé Mifsud, I.D. Nru 188359M imwielda Żabbar u residenti Marsaskala vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien inċerti tad-dirett dominju perpetwu gravanti l-fond numru 57, Triq San Leonardu, Xgħajra limiti ta' Ħaż-Żabbar.

Illi l-esponenti huma l-attwali proprjetarji tal-fond numru 57, Triq San Leonardu, Xgħajra ...omissis.

Illi l-imsemmi fond huwa soġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' €1.98 (Lm0.85c) dovut lil sidien inċerti.

It is hereby notified that by means of a decree of the 27 ta' April 2007, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 27th of April 2007 following a request by John Vella et it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent uncertain owners, in the records of the Schedule of Deposit and redemption of groundrent in the names John Vella et vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of the Schedule of Deposit and Redemption of Groundrent, filed in the First Hall Civil Court on the 26th April 2007 in the names John Vella, salesman, son of Carmelo and Carmela neé Mifsud, ID No. 188459M born and resident in Żabbar; Rita wife of the same John Vella, son of Carmelo Dalli and Antonia neé Demicoli ID No. 203561M, born in Marsascala and resident Żabbar; Victor Vella unemployed, son of Carmelo and Carmela neé Mifsud ID No. 95968M, born at Pietà and resident Zabbar; Sharon-Anne wife of the said Victor Vella, son of Ronald Buckwell and Lorenza neé Calleja, ID No. 272669M, born at Pietà and resident at Żabbar; and Maria Grazia Xuereb, wife of Carmelo Xuereb, legally separated from him, daughter of Carmelo Vella and Carmela neé Mifsud, I.D. No. 188359M born at Żabbar and resident at Marsascala vs Deputy Curators to represent uncertain owners of the perpetual direct dominium burdening premises at number 57, San Leonardu Street, Xgħajra limits of Żabbar:

That the exponents are present owners of premises at 57, San Leonardu Street, Xgħajra limits of Żabbar...omissis.

That the said premises are subject to an annual and perpetual groundrent of €1.98 (Lm0.85c) due to uncertain owners

Omissis...

Għaldaqstant l-esponenti jadixxu din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed jiddepożitaw is-somma ta' €39.60 (Lm17) rappreżentanti l-fidi taċ-ċens annwu u perpetwu ...omissis... sabiex tali somma tiġi liberament mogħtija lis-sidien inċerti li lilhom hu dovut l-istess ċens wara li jħallu debita rċevuta skond il-liġi u skond kull provvediment ieħor li jirregola l-fidi ta' ċens.

Rikorrenti: 32/3, Mon Bijou, Triq San Ġwakkin Marsaskala.

Notifiki: Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw is-sidien inċerti tad-dirett dominju perpetwu gravanti l-fond numru 57, Triq San Leonardu, Xgħajra limiti ta' Ħaż-Żabbar.

Direttur Reġistru Pubbliku, Merchants Street, Valletta (żewġ notifiki)

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Imħallef Anna Felice, LL.D.

Illum 27 ta' April, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Marzu 2008.

AVV DOTT FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Omissis...

Therefore the exponents under the authority of this Honourable Court are depositing the sum of €39.60 (Lm17) representing the redemption of annual and perpetual groundrent ...omissis... so that such sum be freely given to uncertain owners who are owed this groundrent after giving the due receipt according to law and according to every other disposition that regulates the redemption of groundrent.

Applicant: 32/3, Mon Bijou, San Ġwakkin Street, Marsaskala.

Notify: Deputy curators to represent uncertain owners of the perpetual direct dominium on premises number 57, San Leonardu Street, Xgħajra limits of Żabbar

Director Public Registry, Merchants Street, Valletta (two copies)

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Madam Justice Anna Felice, LL.D.

Today 27th April, 2007.

Registry of the Superior Courts, today 6th March 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*